Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Lulju 2014
(OR. en)

12005/14

COPEN 199
EUROJUST 137
EJN 72

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Anders Ahnlid, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 1 ta' Lulju 2014 |
| lil: | Is-Sur Rafael Fernández-Pita y González, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska |

Sinjur,

B'dan l-Isvezja tirtira d-dikjarazzjoni li ġiet ppreżentata qabel f'konformità mal-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI.

Qed nagħtu ukoll informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru (ara l-anness).

(Formula ta' għeluq)

(f.) Anders Ahnlid

**ANNESS**

UFFIĊĊJI TAL-GVERN

25 ta' Ġunju 2014

**Ministeru tal-Ġustizzja**

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

**L-irtirar ta' dikjarazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-awtorità kompetenti skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI**

B'dan l-Isvezja tirtira d-dikjarazzjoni li ġiet ppreżentata qabel f'konformità mal-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska. Għaldaqstant, mill-1 ta' Lulju 2014 l-Isvezja ser tkun tista' tirrikonoxxi u teżegwixxi ordnijiet, inklużi dawk maħruġa skont is-setgħat ta' konfiska estiżi msemmija fl-Artikolu 2(d)(iv) tad-Deċiżoni Kwadru.

Qed nagħtu ukoll l-informazzjoni addizzjonali li ġejja f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru. Mill-1 ta' Lulju 2014, fejn l-Isvezja tkun l-Istat ta' eżekuzzjoni, il-qrati tagħha wkoll ikunu awtoritajiet kompetenti f'konformità mad-Deċiżjoni Kwadru. Madankollu, l-ordnijiet u ċ-ċertifikati ta' akkumpanjament kollha għandhom jibqgħu jintbagħtu lill-Awtorità Svediża ta' Infurzar f'konformità mal-informazzjoni mibgħuta preċedentement.


| | | |
|---|---|---|
| *Indirizz postali* | *Switchboard* | *Posta elettronika:* |
| 103 33 Stokkolma | 08-405 10 00 | ju.registrator@regeringskansliet.se |
| *Indirizz tat-Triq* | *Fax* | *Telex* |
| Beridarbansgatan 1-3 | 08-20 27 34 | 178 20 PREMIER S |